# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2209

Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.
Membri : - Sur Arthur Muscat
- Sur James Pearsall

**Kaz Numru 2596/LC**

**Fit-Tilwima tax-Xoghol bejn**

**General Workers' Union**

**u**

**Public Broadcasting Services Ltd**

**dwar hlas ta' pagamenti 'l barra mill-istrutturi tal-hlasijiet ta' l-impjegati tal-ftehim kkollettif kif maqbul bejn il-partijiet**

Illum 4 ta' Marzu 2013

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru ghall-Politika Socjali s-sur John Dalli wara ittra mill-General Workers Union, 'il quddiem tissejjah ukoll il-GWU, datata 7 ta' Lulju 2008 referibbli ghal tilwima industrijali mal- Public Broadcasting Services Ltd, 'il quddiem tissejjah ukoll il-PBS, dwar bonuses imhallsa lil zewg impjegati.

PRELIMINARI

Permezz ta' l-imsemmija ittra tas-7 ta' Lulju 2008, l-avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici f'isem il-General Workers Union talab lill-Ministru responsabbli sabiex jirreferi l-ilment tieghu lit-Tribunal Industrijali bit-*terms of reference* ikunu *(1) Il-cash payments bhala bonus lil zewg impjegati partikolari kellhom*

*l-effett li jippregudikaw ir-relattivita` bejn il-gradi u l-iskali tal-pagi tal-haddiema tal-kumpanijau, ghalhekk, (2) it-Tribunal Industrijali ghandu jaghti rimedju billi jiddikjara li l-istess pagament ghandu jinghata lil kull impjegat tal-kumpanija sabiex b'hekk tinzamm tali relativita`, jew kull rimedju iehor xieraq skond il-ligi.*

Il-GWU pprezentat Dikjarazzjoni tal-kaz fejn spjegat li din it-tilwima tax-xoghol titratta d-decizjoni tal-management tal-PBS li jaghti hlasijiet lil xi impjegati tieghu 'l barra mill-istrutturi tal-hlasijiet tal-impjegaqti kif jinsabu fil-Ftehim Kollettiv maqbul bejn il-partijiet; inghad li fis-7 ta' Marzu 2008 (li inzertat, mhux b'kumbinazzjoni, lejliet elezzjoni generali) il-PBS approvat zewg pagamenti ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) ghal zewg impjegati li kienu jokkupaw l-irwol ta' segretarja tas-CEO u segretarja tac-Chairman; inghad li dawn l-irwoli imsemmija huma gradi klerikali koperti bil-ftehim kollettiv konkluz bejn il-partijiet f'din il-vertenza; inghad li l-ftehim kollettiv ma jikkontemplax l-ghoti ta' hlasijiet b'mod selettiv u arbitrarju bejn impjegati fl-istess grad, u allura l-ghoti tal-pagament fuq imsemmi holoq diskrepanza fil-pakkett finanzjarju ta' persuni fl-istess grad, liema diskrepanza mhix ammissibbli skond il-ligi, kif ukoll giet imxekkla r-relattivita` bejn il-gradi; inghad li tali diskrepanza ma gietx accettata bl-ebda mod mill-GWU u mill-membri taghha, aktar u aktar ghall-fatt li l-kumpanija intimata ghandha rwol pubbliku sensittiv u kien biss recentiement li sehh ristrutturar intern; inghad li kien ghalhekk li l-GWU talbet li galadarba kien gie effetwat il-hlas ta' Lm500 lil individwi partikolari, il-kumpanija kellha tirrimedja billi thallas l-istess ammont lill-haddiema kollha u b'hekk terga' ggib il-bilanc u r-relattivita`; inghad li l-PBS ittentat tirranga l-izball taghha billi titlob lura l-hlas li kienet effetwat mod arbitrarju, liema tentattiv il-GWU tirrespingi peress li ma thossx li ghandhom ikunu l-haddiema stess li jhallsu ghall-agir arbitrarju illegali tal-PBS; inghad li laqgha ta' konciljazzjoni fuq il-materja ma kellhiex ezitu pozittiv; u intalab li dan it-Tribunal jiddeciedi t-talba tal-GWU skond it-*terms of reference* imsemmija.

Il-Public Broadcasting Services Ltd ipprezentat Stqarrija tal-kaz fejn qalet li l-premessi li fuqhom huwa msejjes il-kaz tar-rikorrenti huma zbaljati peress illi l-pagament de quo ma hassar ebda relattivita`  u dan peress illi kien pagament ta' darba biss li kien intiz biex jirrikonoxxi xoghol li sar li kien aktar milli kien jispetta l-pozizzjoni li z-zewg impjegati kkoncernati kienu jokkupaw, kif jigi muri waqt is-smiegh; inghad ukoll li r-rimedju mitlub ma ghandux jinlaqa' peress illi apparti dak espost hawn fuq, ghal dak l jirrigwarda l-ewwel talba (cioe` dikjarazzjoni ta' thassir jew ippregudikar ta' relatttivita`) fir-rigward tat-tieni talba din tittanta tissostitwixxi d-diskrezzjoni manigerjali li jirrikonoxxi xoghol mhux tas-soltu u jirrendi incentiv ghal mizura applikabbli ghal kulhadd minghajr ma jittiehed in konsiderazzjoni huwiex misthoqq jew le.

<u>PROVI</u>

Il-GWU bdiet il-kaz taghha billi ressqet lil Rymond Libreri li huwa shopsteward tal-GWU u impjegat mal-PBS bhala sales coordinator, li spjega kif wara l-elezzjoni generali tat-8 ta'  Marzu 2008 gew jilmentaw xi haddiema mieghu ghaliex zewg impjegati partikolari kienu inghataw bonuses ta' Lm500 gurnata qabel l-elezzjoni, liema bonuses inghataw bil-mohbi ta' kulhadd. Ufficjali tal-GWU ressqu lment mac-chairman Joe Fenech Conti peress li kien hemm diversi haddiema li kienu qed jaghmlu xoghol li jimmerita hlas addizzjonali, imma ma kienux qed jigu kkumpensati sempliciment ghax ma kienx hemm ftehim li jirregola tali kumpens jew bonus; l-anqas fil-Ftehim Kollettiv ma kien hemm provdut ghal dan. Iz-zewg persuni li hadu dan il-bonus ta' Lm500 kienu wahda Coordinator u l-ohra Clerk III: it-tnejn kienu regolati bil-Ftehim Kollettiv. Saru diversi laqghat mal-amministrazzjoni tal-PBS, li qablet li hemm diversi haddiema ohra li kien haqqhom kumpens ulterjuri li ma kienx ikkontemplat fil-Ftehim Kollettiv, u li ghalhekk kellha tinstab xi sistema kif min jaghmel xoghol zejjed jithallas ghalih. Jghid li s-sur Fenech Conti wieghed lil  tal-GWU  li fi zmien xahar kienu ser jigu kkumpensati dawk

kollha li ghamlu xoghol zejjed, imma fir-realta' ma gara xejn minn dan. Jghid li sa fejn kien jaf hu din kienet l-ewwel darba li sar hlas hekk, imma jghid li c-chairman qallu li la kienet l-ewwel u l-anqas l-ahhar. Il-GWU ftit li xejn kellha oggezzjoni ghall-fatt li l-PBS kisret dak li hu stipulat fil-Ftehim Kollettiv, ghax temmen li z-zewg impjegati in kwistjoni verament ghamlu xoghol zejjed u kien jimmeritahom jithallsu extra; l-akbar oggezzjoni tal-union kienet li haddiema ohra li ukoll ghamlu xoghol zejjed ma gew ikkumpensati xejn. Jghid li d-decizjoni li jithallsu dawn il-bonuses ittiehdet mill-Bord fis-6 ta' Marzu 2008, u s-Sur Fenech Conti ha r-responsabbilta` ta' dik id-decizjoni. Dan ix-xhud esebixxa l-minuti li ha hu stess fil-laqgha li kellhom hu u Cory Greenland f'isem il-GWU u Joe Fenech Conti, Andrew Psaila u Albert Debono ghall-PBS. F'dawn il-minuti tnizzel kif ic-Chairman wera d-dizappunt tieghu ghall-fatt li harget l-informazzjoni dwar dawn il-bonuses, u spjega li dawn thallsu ghaliex iz-zewg impjegati in kwistjoni ghamlu xoghol li jmur lil hinn mill-*job description* taghhom. Il-PBS ikkommettiet ruhha li taghmel ezercizzju sabiex tidentifika min iktar haqqu kumpens, mentri l-GWU talbet li jinghata bonus lil kulhadd.

Is-sur Cory Greenland xhed li malli l-union saret taf bil-hlas tal-bonuses, f'isem il-union huwa kiteb lill-management tal-PBS, u wara li inghataw l-ispjegi, l-GWU irregistrat tilwima ghax ma qablitx mal-mod kif sar il-hlas, liema hlas affettwa r-relattivita` tal-pagi. Jghid li meta tqajjem l-ilment, ic-chairman tal-PBS kien ghadu l-istess Joe Fenech Conti, imma wara xi zmien ta' diskussjonijiet dwar kif ser tissolva din il-problema, ic-chairman gie mibdul u floku giet Dr Clair Thake Vassallo. Il-management baqa' jirrikonoxxi li kellu jsir xi haga, izda ma seta' jsir qbil qatt fuq is-soluzzjoni. Jghid li l-union qajmet il-kwistjoni mal-ministru responsabbli Dolores Cristina, u gew diretti jibdew process ta' konciljazzjoni quddiem id-direttur tax-xoghol. Minkejja din il-procedura ta' konciljazzjoni, baqa' qatt ma ntlahaq ftehim ghaliex il-union mhux biss riedet li kull haddiem li ghamel xoghol barra mit-terms of reference tieghu kellu jinghata l-istess bonus ta' Lm500, imma li biex ma tigix affetwata r-relattivita` tal-pagi l-bonus ta' Lm500 kellha tinghata lil kull haddiem. Jghid

li t-tmexxija l-gdida tal-PBS ghamlet sforz biex il-kwistjoni tigi rizolta izda ma setax jintlahaq ftehim.

Il-Kap ezekuttiv tal-PBS Albert Debono kkonferma li impjegata li kienet coordinator u ohra li kienet clerk inghataw bonus ta' Lm500 li ma kienx jaqa' fil-parametri tal-Frehim Kollettiv li kienu regolati bih, u dan wara li fis-7 ta' Marzu 2008 sar board meeting u matulu wiehed mill-membri tal-board qajjem proposta li dawn iz-zewg haddiema jinghataw dan il-bonus, u l-bord tad-diretturi qabel li jsir hekk. Il-management ma kienx involut f'din id-decizjoni. Spjega li dawn iz-zewg impjegati gieli ghamlu xoghol ta' personal assistants ghac-chairman, ghall-bord u ghall-kap ezekuttiv: xoghol ta' fiducja li mhux mistenni isir minn Coordinator jew Clerk Grade III bhal ma kien il-kaz in kwistjoni.  Il-Ftehim Kollettiv kien jipprovdi ghal hlas addizzjonali li jsir wara l-hin normali tax-xoghol, imma ma kienx jipprovdi kumpens lil min jghamel 'duties' addizzjonali fil-hin tax-xoghol.  Jghid li qabel gie approvat dan il-hlas l-Union ma gietx ikkonsultata.

Xhed Joe Fenech Conti li kkonferma li huwa kien Chairman minn Dicembru 2005 sa Lulju 2008. Jghid li l-membru tal-Bord Sylvia Gauci ipproponiet li dawn iz-zewg haddiema partikolari jinghataw dan il-bonus minhabba r-responsabbilta` zejda li hadu fuqhom meta accettaw li jaghmlu xoghol li suppost jinghata lil xi hadd fi grad oghla minn taghhom.  Jghid li dan ix-xoghol kienu ilhom jaghmluh minn qabel ma dahal hu, imma huwa accetthom biex jibqghu jaghmluh. Il-bonus in kwistjoni thallas darba biss.  Jghid li din il-proposta tqajmet fil-Bord Meeting ta' Marzu 2008, u peress li kien hemm qbil li dan il-kumpans ghandu jithallas, dakinhar stess ittiehdet id-decizjoni li jsir dan il-hlas. Dwar haddiema ohra li seta' kien jisthoqqilhom kumpens, dan ix-xhud jghid li inbeda process biex jigu identifikati dawn in-nies izda sa ma spicca minn chairman dan il-process kien ghadu ghaddej.

Brian Galea, financial controller tal-PBS ippreciza li l-hlas kien ta' €1,200 lil kull wahda miz-zewg haddiema in kwistjoni, u dan il-hlas sar f'Marzu 2008

stess. Xhed ukoll Andrew Psaila, li ghandu grad ta' Chairman's Assistant. Huwa kkonferma li l-hlas in kwistjoni gie approvat ghaliex l-istruttura tal-PBS kienet inbidlet fl-2004 u ma hasbitx ghal min kellu jaghmel certu xoghol partikolari ta' fiducja, u dawn iz-zewg haddiema in kwistjoni dahlu ghalih minghajr ma kien jaqa' fit-*terms of reference* taghhom. Jghid li jezisti mekkanizmu biex jekk ikun hemm bzonn jinholqu gradi godda, izda ma kinitx ittiehdet decizjoni biex jinholoq grad apposta biex ikopri dawn id-duties partikolari li kienu qed jaghmlu z-zewg impjegati li hadu l-kumpens imsemmi. Jghid li sa fejn jaf hu l-union ma gietx infurmata b'dan il-hlas ta' darba. In kontroezami dan ix-xhud jikkonferma li dawn il-haddiema ghamlu hafna xoghol sensittiv li ma kienx jaqa' fil-parametri tal-grad taghhom. Ghal dak li jirrigwarda l-coordinator jghid li hemm coordinators ohrajn li jithallsu daqsha minkejja li ma jiehdux din ir-responsabbilta` zejda. Anke dik li hija Clerk kienet qed taghmel hafna xoghol ta' natura kunfidenzjali u organizzattiv. Dawn jahdmu fil-*breaks* minghajr ma jigu kkumpensati bhall-haddiema l-ohra. Isemmi xi okkazjonijiet ohra fejn inghataw hlasijiet barra minn normal fil-passat, imma jghid li fil-passat l-union kienet imdahhla fil-management. Jghid li kien hemm okkazjonijiet rari fejn il-bord approva hlasijiet 'extra' u l-union ma oggezzjonatx, fosthom lill-Financial Controller, lill-haddiema li hadmu fuq it-teletext u haddiema li ghamlu xoghol extra mal-qlib tal-millenju. Imbaghad dan ix-xhud esebixxa lista tad-"duties" li z-zewg haddiema in kwistjoni kienu qed jaghmlu, u li skond hu ma kienux koperti bit-*terms of reference* stipulat fil-Ftehim Kollettiv; meta mistoqsi kif seta' jikkonsidra dawn ir-responsabbiltajiet bhala "extra duties" meta fit-*terms of reference* taghhom ghandhom ukoll "*to perform any other related duties which may be assigned from time to time*" huwa jghid li skond hu dawn id-"duties" ma kienux "related duties."

Finalment xhed Raymond Libreri li b'referenza ghal dak li qal Andrew Psaila, il-GWU verament qatt m'oggezzjonat ghall-hlasijiet "extra" li inghataw il-Financial Controller, il-haddiema li hadmu fuq it-teletext u l-haddiema li hadmu mal-qlib tal-millenju, imma l-GWU m'ghamlet xejn propjru ghaliex mhux biss ma gietx ikkonsultata imma anqas qatt ma giet infurmata b'dawn il-

hlasijiet. Jghid li dawn saru bil-mohbi, tant li l-union saret taf bihom issa. Jghid li kien ilu jirrapprezenta lill-GWU mill-1987 u f'kull kaz iehor ta' hlasijiet 'extra' dawn saru bi ftehim mal-istess union, hlief ghal meta thallas hu personalment ghal xoghol extra fuq it-teletext ukoll. Jghid li dan il-hlas lilu kien ta' beneficcju ghall-PBS ghaliex altrimenti skond il-Ftehim Kollettiv kien jithallas ta' 4 sieghat overtime, anke jekk jaghmel 10 minuti biss f'overtime.

KONSIDERAZZJONIJIET.

Bazikament, in-nuqqas ta' qbil bejn il-PBS u l-GWU huwa jekk ghandhomx jigu kkumpensati haddiema li hadu responsabbilta` zejda ghal snin shah *b'one-off payments* (bhal ma ghamlet il-PBS) jew li l-haddiema kollha jiehdu l-istess *one-off payment* sabiex ma tigix affettwata r-relattivita` tal-haddiema (bhal ma qed titlob il-GWU). Frankament, dan it-Tribunal ihoss li l-pozizzjoni li hadu l-partijiet huma t-tnejn kemmxejn estremi. Bhala fatt il-partijiet jaqblu li z-zewg haddiema in kwistjoni verament kien jisthoqqilhom jiehdu kumpens addizzjonali ghal dak li jipprovdi l-Ftehim Kollettiv vigenti, u kien proprju ghalhekk li l-GWU warrbet proposta li f'xi mument ghamlet il-PBS li titlob lil dawn iz-zewg haddiema jirrifondu l-€1,200 li nghataw.

Mix-xhieda prodotti irrizulta li kien hemm kazijiet fejn gew approvati hlasijiet 'l hinn mill-Ftehim Kollettiv meta l-amministrazzjoni tal-PBS giet fi qbil dwar dan mal-GWU, u din il-kwistjoni kollha kienet tigi evitata kieku fis-7 ta' Marzu 2008 il-Bord iddecieda li jgib l-approvazzjoni tal-GWU qabel ma japprova l-hlas mertu ta' dan il-kaz. L-Union tghid li kien hemm haddiema ohra li kienu qed jaghmlu xoghol minghajr ma jigu kkumpensati mill-Bord, u allura inholqot diskriminazzjoni bejn dawk li ghamlu xoghol zejjed u gew ikkumpensati u dawk li ghamlu xoghol zejjed u ma gewx ikkumpensati. Mill-banda l-ohra dan it-Tribunal ma jhossx li tkun qed issir gusitzzja jekk il-kumpens jinghata lil

kulhadd, anke lil dawk il-haddiema li m'ghamlu xejn zejjed.  Ghandu jinghad li tul dan il-kaz ma gewx identifikati il-haddiema li setghu ghamlu xoghol zejjed u li ma thallsux ghalih.

Johrog car li l-PBS, bhala employer, ghandha dejjem l-obbligu li tiddiskuti mal-Union rikonoxxuta, f'dan il-kaz il-GWU, kwistjonijiet dwar xoghol mehtieg minn impjegati, job-descriptions, u holqien ta' posts godda b'responsabbiltajiet godda.  Certament il-PBS kienet tenuta tiddiskuti mal-GWU rati ta' pagi, allowances u bonuses li jirriflettu x'qieghed jigi mitlub bhala xoghol mill-impjegati.  Il-Ftehim Kollettiv huwa ftehim li jorbot lill-PBS mal-GWU, u tali ftehim jista' jigi varjat biss bi ftehim bejn iz-zewg partijiet.  Kien ghalhekk li l-PBS kienu obbligati jiftehmu mal-GWU qabel ma ttiehdet decizjoni li tivvjola l-Ftehim Kollettiv.  B'dak li ghamlet il-PBS kisret il-Ftehim Kollettiv, imma li kull haddiem jiehu bonus ta' €1,200  ma tkunx qed issir gustizzja.  Ghalhekk dan it-Tribunal ma jhossx li jkun qed jaghmel gustizzja jekk kull impjegat jinghata €1,200, irrispettivament minn jekk ghamilx xoghol zejjed jew le.  Wara kollox il-PBS hija entita` pubblika u l-finanzi taghha ghandhom jintuzaw b'ghaqal u gustizzja.  Anqas ma jhoss dan it-Tribunal li bi hlas ta' darba r-relattivita` bejn il-haddiema inbidlet.  Madankollu huwa rakkomandabbli li jekk hemm xoghol partikolari li ma jaqa' taht ir-responsabbilta` ta' ebda grad, il-partijiet ghandhom jaslu fi ftehim immedjat ghall-holqien ta' posts u gradi li jkopru dan ix-xoghol.  Dan it-Tribunal jirrakkomanda wkoll lill-partijiet biex jersqu halli jemendaw il-Ftehim Kollettiv sabiex jipprotegi dawk il-haddiema li qed jaghmlu xoghol 'il fuq mit-terms of reference taghhom bla ma jigu kkumpensati.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed fl-ewwel lok jiccensura lill-membri tal-Bord tal-PBS ta' dak z-zmien li alura kienu responsabbli ghal decizjoni zbaljata li jinkiser il-Ftehim Kollettiv, madankollu ma jaghmilx sens li l-kumpanija

innifisha tigi kkastigata b'mizura li tkompli zzid l-ingustizzja. Se mai, il-membri tal-Bord ta' dak iz-zmien kienu personalment responsabbli ghad-decizjoni zbaljata li dawn il-flejjes jithallsu irregolarment; madankollu dan it-Tribunal m'ghandux poter jissanzjona l-individwi kkoncernati, u skond kif inhi imposta din it-tilwima dan it-Tribunal anqas m'ghandu poter jikkumpensa haddiema partikolari li setghu gew aggravati bil-fatt li s-issa ghadhom ma gewx ikkumpensati tax-xoghol extra li setghu ghamlu.  Ghalhekk, fit-tieni lok, dan it-Tribunal jibqaghalu rimedju wiehed li jista' jaghti, u cioe` qieghed jaghti twiddiba iebsa kontra s-socjeta intimata sabiex incidenti bhal dak mertu ta' dan il-kaz ma jergghu qatt jirrepetu ruhhom fil-futur.

B'hekk ghandha tintemm din it-tilwima industrijali.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman

**Sur James Pearsall**
Membru

**Sur Arthur Muscat**
Membru